MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 95/2004

**Neville Mercieca**

**vs**

**Koronato Sultana**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' sebgha mija tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm742.96c) danni kollha sofferti minnu per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fil-15 ta' Jannar 2004 fi Triq il-Kortoll, Xaghra, Ghawdex Malta bejn il-vettura TFA 821 Ford misjuqa minnek u dik Nissan Almera bin-numru CBE 573 misjuqa mill-attur Neville Mercieca.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lill-kumpannija assikuratrici tieghek, kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attur naqas milli jzomm *a proper lookout* u ghaldaqstant l-istess attur huwa unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attur tinsab ingunt."

Sema x-xhieda tal-partijiet u ra l-iskizz u l-okkorrenza esibiti;

Ikkunsidra:

Illi l-habta sehhet f'tarf Triq Kortoll, Xaghra imnejn kien hiereg l-attur hekk kif il-konvenut dahal f'din it-triq minn Triq il-Knisja. Biex ghamel dan huwa ghadda minn fuq marka tal-karreggjata – imsejjha *chevron* - konsistenti f'linji dijagonali impittra fl-art ghamla ta' speci ta' triangolu imdawwar b'linja bajda kontinwa li hemm fi Triq il-Knisja quddiem il-bini li hemm kantuniera fuq in-naha tal-lemin

meta wiehed johrog minn Triq Kortoll. *Chevron* imdawwra fil-perimetru taghha b'linja diskontinwa tfisser li wiehed m'ghandux jghaddi minn fuqha hlief meta jkun necessarju u s-sewwieq jaccerta ruhu li ma jkunx hemm periklu; filwaqt li meta l-linja – bhal fil-kaz prezenti – tkun wahda kontinwa, is-sewwieq ma jistax jidhol fiha hlief f'kaz ta' emergenza (ara *The Highway Code* Ingliz, para 109).

L-attur halla brake-marks ta' 7.7 metri li jindikaw f'sitwazzjonijiet normali ta' triq tajba u niexfa li kien ghaddej b' velocita' baxxa ta' 22 mil fis-siegha, ghalkemm jghid (u f'dan ma giex kontradett) li t-triq hemmhekk kienet xi ftit umda u ghalhekk il-velocita' tal-konvenut kienet sahansitra inqas. Gie ndikat ukoll li l-punt A u cioe' l-kantuniera ta' bejn iz-zewg toroq hija iktar vicin il-koxxa 'M'; kwazi bid-dritt taghha, u dan kif anke jirrizulta mir-ritratti esibiti. Dan ifisser iktar u iktar li l-attur sab lill-konvenut ma' wiccu hekk kif dan dar il-kantuniera. M' hemmx dubbju li kienet din il-manuvra tal-konvenut kontra r-regolamenti tat-traffiku li kienet il-kawza prossima tal-incident, ghax hareg minn post li kien ipprojbit milli jghaddi minnu, proprju biex jigu evitati ncidenti simili ghax b'dan il-mod min ikun hiereg minn Triq il-Kortoll - li hija triq dejqa – isibu ma' wiccu.

Di piu' rrizulta mid-deposizzjoni tal-istess konvenut – li, ghandu jigi rrimarkat, kien ferm onest u sincier fid-deposizzjoni tieghu - li l-attur waqaf wara li applika l-brejk filwaqt li l-konvenut baqa' diehel fih; huwa ammetta li kien liebes karkura li dak il-hin zelqitlu minn saqajh u ghalhekk ma kienx fil-kontroll shih tal-vettura tieghu.

Il-*quantum* tad-danni gie sodisfacentement ippruvat u *del resto* ma giex ikkontestat waqt is-smigh tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident imsemmi fl-avviz tat-talba gara unikament tort tan-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u nuqqas ta' *proper look-out* da parti tal-konvenut, u konsegwentement jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM742.96c danni sofferti mill-attur kagun tal-incident, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra

ufficcjali pprezentata lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut kontestwalment mal-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------